MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 96/2018 LM

**GasanMamo Insurance Limited (C 5637)
u l-aġenta tagħha Thomas Smith Insurance Agency Limited (C 3143)
u l-assikurat tagħha Jonathan Holland (K.I. 371678M)**
*("l-appellati")*

***vs.***

**Joseph Attard Meli (K.I. 16581G)**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Joseph Attard Meli (K.I. 16581G)**, hawnhekk "l-appellant", minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"),

tal-5 ta' Settembru, 2018 (minn issa 'l quddiem "il-lodo arbitrali appellat"), li permezz tiegħu t-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrenti **GasanMamo Insurance Limited (C 5637) u l-aġenta tagħha Thomas Smith Insurance Agency Limited (C 3143) u l-assikurat tagħha Jonathan Holland (K.I. 371678M)**, (hawnhekk "l-appellati"), u għadda sabiex illikwida d-danni sofferti minnhom fl-ammont ta' elfejn, tmien mija u ħamsa u erbgħin Euro u għaxar ċenteżmi (€2,845.10), imma kkundanna lill-intimat iħallas l-ammont mitlub mir-rikorrenti, jiġifieri elfejn, tmien mija u tliet Euro u erba' ċenteżmi (€2,803.04), flimkien mal-ispejjeż tal-arbitraġġ.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti istitwew proċeduri ta' arbitraġġ, fejn talbu lit-Tribunal jillikwida l-ammont ta' elfejn, tmien mija u tliet Euro u erba' ċenteżmi (€2,803.04), bħala d-danni sofferti minnhom konsegwenza ta' inċident stradali bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBP 462 proprjetà tal-assigurat tas-soċjetà rikorrenti Jonathan Holland, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BCA 271 misqjua mill-intimat, liema inċident seħħ fl-24 ta' April, 2016 fi Triq ix-Xatt ta' San Ġorġ, San Ġiljan (minn issa 'l quddiem "l-inċident"). Ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal jiddikjara li l-intimat huwa responsabbli għall-inċident, u talbu wkoll il-kundanna tal-intimat għall-ħlas tal-ammont ta' danni sofferti minnhom, kif ukoll għall-ħlas tad-drittijiet u l-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti spjegaw li l-intimat għandu jġorr ir-responsabbilità għall-inċident, 'il għaliex dan baqa' dieħel fil-vettura tal-assigurat tagħhom waqt li din kienet ipparkjata. Konsegwenza tal-impatt li seħħ meta l-vettura misjuqa mill-intimat baqgħet dieħla fil-vettura tar-rikorrent Holland li kienet ipparkjata, il-vettura tar-rikorrent ittellgħet fuq *barriers* tal-ħadid li kien hemm mal-ġenb tat-triq.

4. L-intimat ma ressaq l-ebda risposta għat-talbiet tar-rikorrenti, imma waqt l-ewwel seduta li nżammet quddiem it-Tribunal, dan spjega li l-unika kontestazzjoni tiegħu hija dwar il-*quantum* tad-danni reklamati mir-rikorrenti.

5. Quddiem it-Tribunal ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tar-rapport li sar mill-Pulizija in segwitu għall-inċident, fejn jingħad li Jonathan Holland kien irrapporta li huwa kien qiegħed quddiem il-post magħruf bħala 'Andrew's Bar', meta sema' ħoss ta' vetturi jaħbtu. Skont ir-rapport tal-Pulizija, Holland qal li meta mar jivverifika x'kien ġara, sab li l-vettura targata BCA 271 kienet daħlet fil-vettura targata HBP 462 proprjetà tiegħu, u s-sewwieq tal-vettura BCA 271 tah d-dettalji personali tiegħu u saq, wara li qallu li l-ħsara kkawżata kienet waħda minima. Ġie esebit ukoll is-*survey report,* fejn hemm deskrizzjoni tal-ħsarat u l-ammont tad-danni mġarba mill-vettura tal-assigurat tas-soċjetà rikorrenti, u xi rċevuti tal-ħlasijiet li kellhom isiru. Ġiet esebita wkoll kopja tal-ittra legali mibgħuta mir-rikorrenti lill-intimat u lis-soċjetà li huwa kien assigurat magħha.

6. It-Tribunal sema' diversi xhieda, fosthom lil **Roderick Camilleri**, li qal li kien huwa li pprovda l-*parts* lil Thomas Smith sabiex setgħet tissewwa l-vettura tal-assigurat tas-soċjetà rikorrenti. Qal li l-ispiża għal dawn il-*parts* kienet telgħet għal €1,543.43. Ix-xhud ikkonferma li dawn il-*parts* kienu ġodda, u fil-parti l-kbira tagħhom oriġinali, għaliex qal li huwa ferm diffiċli li wieħed isib *parts* bħal dawn *second hand.* **John Callus** xehed li huwa għamel *survey* fuq il-vettura tar-rikorrent, u qal li minkejja li kien hemm diskrepanza bejn l-istima ffissata minnu għax-xiri tal-*parts* u l-prezz attwalment imħallas għall-akkwist tagħhom, fis-*survey* tiegħu huwa kien ta biss indikazzjoni tal-prezz biex jinbidlu dawn il-*parts* kemm kellu jkun. L-intimati ressqu lix-xhud **Owen Ciantar**, li spjega li huwa *surveyor* ma' Atlas Insurance. Qal li huwa kien spezzjona l-vettura HBP 462, proprjetà tal-assigurat tas-soċjetà rikorrenti. Dan ix-xhud ikkonferma li l-ħsara kkonstatata minnu hija l-istess ħsara li tirriżulta mis-*survey* ta' John Callus, u qal li huwa qabel kemm fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-ħsara, kif ukoll dwar l-*quantum* tad-danni reklamati. Qal ukoll li l-vettura assigurata mas-soċjetà rikorrenti kellha ħsara strutturali, li kellha tinbidel il-faċċata ta' wara tagħha, li hija parti mill-istruttura tal-vettura, u kellha wkoll ħsara fuq quddiem għaliex din kienet ġiet imbuttata fuq il-ħadid. Qal li l-vettura tal-intimat kellha biss ħsara kożmetika, u meta nqala' l-*bumper* ma nstabet l-ebda ħsara strutturali. Ix-xhud qal li kien għalhekk li ġie konkluż illi li kieku l-ħsara kkawżata fil-vettura assigurata mas-soċjetà rikorrenti kienet ikkawżata mill-vettura tal-intimat, il-ħsara fil-vettura tal-intimat kienet tkun ferm akbar. Ix-xhud **Mark Micallef** spjega li huwa jaħdem bħala *motor vehicle surveyor* ma' Atlas Insurance u li huwa kien spezzjona l-vettura misjuqa mill-intimat fil-25 ta' Mejju, 2016. Qal li din kellha ħsara fil-parti tax-xellug li kienet

minima u daqqa oħra fuq ir-*running board,* li ma kellhiex x'taqsam mal-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal li huwa kien stabbilixxa wkoll li l-*airbag* tax-xellug kienet *deployed,* imma meta tkellem dwar dan mal-intimat, dan kien qallu li d-*deployment* ta' din l-*airbag* ma kellux x'jaqsam mal-inċident. Żied jgħid li meta dan il-każ ġie diskuss ma' uffiċjali ta' Atlas Insurance, ġie stabbilit li l-ħsara fil-vettura tal-assigurat tas-soċjetà rikorrenti ma setgħetx kienet ikkawżata mill-intimat, billi ma kien hemm l-ebda paragun bejn id-daqqiet li kellhom iż-żewġ vetturi. Ix-xhud qal li huwa kien reġa' mar jara l-vettura tal-intimat meta din iżżarmat, sabiex jara jekk kienx hemm xi ħsara li huwa ma kienx induna biha qabel, u kien ikkonstata li ma kien hemm l-ebda ħsara oħra li ma kienx induna biha qabel. Ix-xhud qal li kieku l-ħsara kollha li rriżultat fil-vettura tal-assigurat tas-soċjetà rikorrenti ġiet ikkawżata kollha kemm hi fl-inċident inkwistjoni, kien isib ħsara strutturali fix-*chassis* u f'partijiet oħra tal-vettura tal-intimat, imma huwa kien sab biss ħsara fil-plastik tal-vettura. Ix-xhud qal li huwa ma kienx ivverifika jekk il-vettura tal-assigurat tas-soċjetà rikorrenti kinitx ġiet imbuttata fuq *barrier* tal-ħadid kif ġie allegat mir-rikorrenti, u fir-rapport tiegħu huwa bbaża ruħu fuq dak li rriżulta mill-ispezzjoni tal-vettura. **Jonathan Holland** xehed li l-ħsarat fuq il-vettura tiegħu ġew ikkaġunati meta l-vettura misjuqa mill-intimat baqgħet dieħla fil-vettura tiegħu waqt li kienet ipparkjata. Ix-xhud qal li fil-ħin tal-inċident huwa kien qiegħed fil-bar bl-isem 'La Plage', meta sema' ħoss ta' vetturi jaħbtu u ħareġ barra biex jara x'ġara. Qal li dak il-ħin sab li l-vettura tiegħu kienet iċċaqalqet u ġiet imbuttata għal fuq *barrier* li spiċċa milwi. Qal li l-vettura misjuqa mill-intimat kienet xi 25 jew 30 metru 'l quddiem, u dak il-ħin kellha d-*diesel* ħiereġ minnha. Kompla jgħid li kien l-intimat stess li dak il-ħin qallu li kien daħal fih.

Qal li qabel l-inċident huwa ma kellu l-ebda ħsara fil-vettura tiegħu, u wara l-inċident huwa lanqas seta' jsuqha, u kellu jġib *tow-truck* biex jirmunkaha. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ir-rikorrent qal li huwa ma marx jivverifika xi ħsara kien hemm fil-vettura l-oħra, imma seta' jara li din ma kellhiex ħsara fuq wara. Qal li huwa kien ipparkjat madwar 30 ċentimetru bogħod mill-*barrier* wiċċu 'l ġewwa.

**<u>Il-Lodo Arbitrali Appellat</u>**

7. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti fil-5 ta' Settembru, 2018, it-Tribunal iddeċieda li l-ewwel talba tar-rikorrenti għandha tiġi milqugħa, u għalhekk iddikjara li l-intimat Joseph Attard Meli huwa unikament responsabbli għall-inċident, laqa' t-tieni talba u filwaqt li ċaħad l-eċċezzjoni tal-intimat, illikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' €2,845.10, għalkemm ikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont mitlub minnhom ta' €2,803.04 in linea ta' danni sofferti b'riżultat tal-inċident, bl-ispejjeż kollha tal-arbitraġġ u tal-ittri interpellatorji li ntbagħtu a karigu tal-intimat, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi l-apprezzament li għamlu ż-żewġ* surveyors *inkarigati mill-assikurazzjoni tal-intimat kienu prinċipalment bażati fuq il-ħsarat li nstabu fuq il-vettura tal-intimat. Ix-xhud Mark Micallef kellem lill-intimat u dan indikalu illi ħsarat partikolari li s-*surveyor *Mark Micallef irriskontra fil-vettura tal-intimat ma kellhomx x'jaqsmu mal-inċident in mertu. Din id-dikjarazzjoni influwenzat lill-istess xhud fl-*assessment *tiegħu ċioe illi l-vettura tal-intimat ġarrbet ħsara fuq quddiem li kienet 'minima'. Ħsarat oħra ġew injorati fl-apprezzament billi x-xhud Micallef aċċetta d-dikjarazzjoni tal-intimat fir-rigward mingħajr ebda verifiki.*
>
> *Ikkunsidra*

*Illi l-intimat ma resaqx biex jixhed u kwindi l-asserzjonijiet tiegħu lis-*surveyor *Micallef ma ġewx konfermati f'dan l-arbitraġġ. Għalhekk dak li hu seta' qal lis-*surveyor *u ġie ripetut minn Micallef f'dan l-arbitraġġ hu biss* 'detto del detto' *li ma jikkostitwixxix prova sufficjenti.*

*Inoltre, fil-fehma tal-arbitru, il-konklużjoni tax-xhieda Owen Ciantar u Mark Micallef dwar il-ħsara realment sofferta mir-rikorrent fl-inċident de quo ma twassalx għall-konvinċiment neċessarju biex wieħed jaċċettaha bħala probabbli billi hi bażata fuq premessi illi f'dan l-arbitraġġ ma ġewx konfermati minn min għamilhom u anqas kontrollati permezz ta' kontro-eżami.*

*Inoltre jirriżulta mis-*survey report *fuq il-vettura tal-intimat (ara Dok. MM1) illi biex tissewwa l-ħsara kollha li nstabet fil-vettura tal-intimat ġie kkalkolat l-ammont ta' elf, ħames mija u disgħa u għoxrin euro u żewġ ċenteżmi (€1,529.02) li ma jirrispekkjax biss "ħsara kożmetika" jew "minima".*

*Illi għal dawn il-motivi, l-eċċezzjoni tal-intimat in kwantu bażata fuq id-deduzzjoni tas-surveyors Ciantar u Micallef qiegħda tiġi skartata billi l-istess deduzzjoni, fil-fehma tal-arbitru, kienet bażata fuq informazzjoni li ma ġietx imressqa u kontrollata f'dawn l-atti.*

*IKKUNSIDRA*

*Illi r-Rikorrent ikkonferma bil-ġurament u ressaq dokumenti biex jipprova illi l-vettura appena seħħ l-inċident ġiet imbuttata ġo* barrier *u sofriet ħsara kemm fil-partijiet ta' wara kif ukoll ta' quddiem. Ir-Rikorrent ressaq ukoll prova illi l-*parts *li kellhom jinbidlu fil-vettura tiegħu għalkemm stmati proviżorjament fl-ammont ta' sitt mija sitta u sebgħin euro u ċenteżmu (€676.01) mis-*surveyor *Callus effettivament ġew jiswew elf ħames mija u tlieta u erbgħin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€1,543.43) (ara deposizzjonijiet ta' Roderick Camilleri u John Callus u Dok. Ċ).*

*Abbażi tal-provi prodotti, l-arbitru hu sodisfatt illi l-ħsara kollha riskontrata fil-vettura tar-Rikorrent u indikata fis-*survey report *tax-xhud John Callus seħħet b'riżultat tal-inċident in mertu u għalhekk għandu jirrispondi għaliha l-Intimat fl-intier tagħha.*

*LIKWIDAZZJONI*

*Ir-Rikorrent ressaq provi permezz ta' dokumenti li ġew konfermati mix-xhieda illi biex issewwiet il-ħsara sofferta minnu fl-inċident de quo saru s-segwenti spejjeż:*

*Dok. Ċ* *€1,543.43*

| | |
|---|---|
| *Dok. SF* | *€60.00* |
| *Dok. CG1* | *€561.00* |
| *Dok. CG2* | *€680.67* |
| *Total* | ***€2845.10*** |

*Għaldaqstant l-esponent qed jillikwida d-danni sofferti mir-Rikorrent b'riżultat ta' dan l-inċident fl-ammont ta' elfejn, tmien mija ħamsa u erbgħin euro u għaxar ċenteżmi (€2,845.10).*

*KONKLUŻJONI*

*Għal dawn il-motivi l-arbitru:*

*(i) Jilqa' l-ewwel talba tar-Rikorrent u jiddikjara lill-Intimat unikament responsabbli għall-inċident stradali mertu ta' dan l-arbitraġġ;*

*(ii) Jilqa' t-tieni talba u filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-intimat, jillikwida d-danni sofferti mir-Rikorrent fl-ammont ta' elfejn, tmien mija u ħamsa u erbgħin euro u għaxar ċenteżmi (€2,845.10) però jikkundanna lill-Intimat iħallas lir-Rikorrenti flimkien bejniethom l-ammont mitlub ta' elfejn, tmien mija u tliet euro u erba' ċenteżmi (€2,803.04) in linea ta' danni sofferti b'riżultat tal-imsemmi inċident bl-interessi legali mill-20 ta' Ġunju, 2017.*

*(iii) L-ispejjeż kollha ta' dan l-arbitraġġ kif ukoll dawk tal-ittri interpellatorji tal-21 ta' Novembru, 2016 u tal-ittra uffiċjali ta' Diċembru, 2016 jitħallsu mill-intimat.*

## L-Appell

8. L-intimat ressaq l-appell tiegħu minn dan il-lodo arbitrali fid-19 ta' Settembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... takkolji dan l-appell, u filwaqt illi tħassar, tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni arbitrali tal-5 ta' Settembru, 2018 fl-ismijiet premessi, tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-esponent u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellati."*

L-appellant jgħid li huwa ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex fil-fehma tiegħu t-Tribunal naqas milli jevalwa l-provi prodotti minnu korrettement, partikolarment il-provi ta' natura teknika, u qal ukoll li t-Tribunal bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dubji mqajma minnu stess u fuq sempliċi allegazzjonijiet imqajma mill-appellati. L-appellant għamel riferiment għal uħud mill-konsiderazzjonijiet li saru mit-Tribunal u qal li huwa ħassu aggravat minnhom, partikolarment meta t-Tribunal qies li l-evalwazzjoni li għamlu ż-żewġ *surveyors* inkarigati mill-assikurazzjoni tal-intimat kienet bbażata fuq il-ħsarat li nstabu fil-vettura tal-intimat, u l-fatt li s-*surveyor* Mark Micallef aċċetta l-ispjega tal-intimat li wħud mill-ħsarat riskontrati fil-vettura tiegħu, ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. L-appellant għamel riferiment għall-fatt li t-Tribunal irrileva li huwa ma resaqx biex jixhed quddiem it-Tribunal, u għalhekk dak li huwa qal lis-*surveyor* Mark Micallef jammonta biss għal *detto del detto;* għall-fatt li t-Tribunal ma kienx konvint minn dak li xehdu Owen Ciantar u Mark Micallef dwar il-ħsara realment sofferta mir-rikorrenti f'dan l-inċident; għall-konsiderazzjoni tat-Tribunal li l-ammont ta' €1,529.02 sabiex tissewwa l-ħsara fuq il-vettura tal-intimat li ma tindikax li l-ħsara kienet waħda "kożmetika" jew "minima"; kif ukoll għall-fatt li t-Tribunal kien sodisfatt li l-ħsara riskontrata fil-vettura tar-rikorrent seħħet riżultat tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk għandu jirrispondi għaliha l-intimat.

9. L-appellant qal li t-Tribunal wasal għall-konklużjonijiet tiegħu, għaliex apparti li straħ fuq dak allegat mill-appellati, tefa' dawl ambigwu u qies kull prova mressqa mill-appellant bħala waħda insuffiċjenti, mingħajr ma kkonsidra

l-provi mressqa mill-appellant, anki jekk dawn il-provi kienu ta' natura teknika. L-appellant qal li huwa ressaq diversi provi li kellhom iwasslu lit-Tribunal għall-konklużjoni li l-entità tad-danni reklamati mill-appellati hija waħda esaġerata, infondata u miżjuda, peress li l-ħsara li allegatament ġarrbet il-vettura tal-appellat ma tikkombaċċjax mad-dinamika tal-inċident u mal-ħsara sofferta mill-vettura tal-appellant. L-appellant għamel riferiment għax-xhieda mogħtija mis-*surveyors* Mark Micallef u Owen Ciantar, li wara li spezzjonaw iż-żewġ vetturi, qablu li d-differenza fl-entità tal-ħsarat li nstabu fuq iż-żewġ vetturi kellha twassal għall-konklużjoni li l-ħsara misjuba fuq il-vettura tal-appellat ma kinitx ikkawżata fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. L-appellant għamel riferiment għall-parti tax-xhieda tas-*surveyor* Mark Micallef, li qal li kieku l-ħsara kollha li nstabet fil-vettura tar-rikorrent ġiet ikkawżata fl-inċident, kienet tirriżulta ħsara fix-*chassis* u f'partijiet strutturali oħra tal-vettura tal-intimat. L-appellant qal li ż-żewġ *surveyors* Mark Micallef u Owen Ciantar huma żewġ persuni ta' ħila kbira f'xogħolhom, u għalhekk irid jiġi ppuntwalizzat li dawn huma persuni professjonali, reputabbli f'xogħolhom u ta' kredibbilità, u li għalhekk il-konklużjonijiet raġġunti minnhom jikkostitwixxu prova fattwali, jew aħjar konklużjoni teknika li kellha tipproduċi ċertezza morali fil-ġudikant, li dak ikkonstatat minn dawn iż-żewġ xhieda huwa minnu. L-appellant qal li t-Tribunal kien skorrett meta kkonkluda li s-*surveyor* Mark Micallef injora l-ħsarat fuq il-vettura tal-appellant, għaliex kien dan ix-xhud stess li elenka l-ħsarat kollha li nstabu fuq il-vettura tal-appellant, u li kien stqarr li dawn ma setgħux kienu kompatibbli mal-kolliżjoni mertu ta' dawn il-proċeduri. L-appellant qal ukoll li l-fatt li huwa kien elenka liema mill-ħsarat kellhom x'jaqsmu mal-inċident, ma kellux jiġi interpretat bħala '*detto del detto*', għaliex

f'dan il-każ ix-xhud Mark Micallef kien qiegħed jixhed dwar dak li ra hu b'għajnejh waqt l-ispezzjoni li għamel, u kien waqt din l-ispezzjoni teknika li għamel li huwa stabbilixxa liema mill-ħsarat kienu relatati mal-inċident odjern, u liema le. L-appellant qal li s-*surveyor* Mark Micallef kellu biżżejjed snin ta' esperjenza f'xogħlu u ma kienx jeħtieġ l-ispjegazzjoni tal-appellant, u għalhekk ma kellux jirriżulta li huwa kien ibbaża id-depożizzjoni tiegħu fuq dak li sema' mingħand ħaddieħor, imma fuq l-konstatazzjonijiet tiegħu stess. L-appellant qal ukoll li t-Tribunal ma kellux jiskarta x-xhieda ta' Micallef u jsejħilha '*detto del detto'*, għaliex din l-informazzjoni Micallef kien ġabha mingħand l-appellant stess u mhux mingħand terz. L-appellant qal ukoll li fil-liġi tagħna ma teżisti l-ebda regola li tgħid li meta parti tagħżel li ma tixhidx fi proċeduri legali, dik il-parti għandha titqies li poġġiet lilha nnifisha f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ. Kompla jgħid li f'dan il-każ kellu jirriżulta li huwa kien ammetta r-responsabbilità għall-inċident u għalhekk il-kontestazzjoni quddiem it-Tribunal kienet biss dwar l-entità tad-danni reklamati, li huwa mertu purament tekniku. Qal li għalhekk huwa ma naqas mill-ebda obbligu proċedurali u t-Tribunal ma kienx ġust fil-konklużjoni tiegħu meta xeħet dubji fuq l-appellant sempliċiment għaliex dan ma telax jixhed. L-appellant qal li bl-istess mod, il-konklużjoni tat-Tribunal li l-ħsara li ġarrbet il-vettura tiegħu hija waħda kożmetika, kienet konklużjoni suġġettiva għaliex il-valur tat-tiswijiet fuq il-vetturi jiddependi fuq il-mudell u l-valur tal-*parts,* li jvarjaw minn vettura għal oħra. L-appellant għamel riferiment għax-xhieda mogħtija minn Mark Micallef u Owen Ciantar, li t-tnejn li huma qablu li kien hemm diskrepanza kbira bejn l-entità tad-danni li ġarrbet il-vettura tal-appellat u d-danni li ġarrbet il-vettura tal-appellant, u għalhekk qiesu li ma kellhom l-ebda triq oħra għajr li jikkonkludu li l-ħsarat fil-vettura

tal-appellat ma kinux ikkaġunati mill-vettura tal-appellant, għaliex altrimenti l-ħsarat sofferti fil-vettura tal-appellant kienu jkunu ferm akbar. Qal li minkejja dan it-Tribunal xorta waħda qies li dawn id-diskrepanzi ma kinux jammontaw għal prova suffiċjenti. L-appellant qal ukoll li f'dan il-każ il-*parts* li kellhom jinbidlu fil-vettura tal-appellat u li ġew stmati mis-*surveyor* John Callus fl-ammont ta' €676.01, imma sussegwentement irriżulta li t-tiswija tal-ħsarat sofferti mill-vettura tal-appellat swiet €1,543.43, jiġifieri aktar mid-doppju. Żied jgħid li f'dan il-każ, it-Tribunal ikkundannah iħallas is-somma mitluba mingħajr ebda ġustifikazzjoni jew spjegazzjoni raġonevoli dwar din id-diskrepanza. Qal li huwa għalhekk li fiċ-ċirkostanzi għandu jiġi stabbilit li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda erronja fattwalment għaliex it-Tribunal skarta għalkollox il-prinċipji ben assodati fil-ġurisprudenza tagħna li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat,* u anki bl-artikolu 562 tal-Kap. 12, li tinkombi interament fuq l-appellati l-prova tad-differenza bejn l-istima tal-*parts* għat-tiswija u dak li attwalment ġiet tiswa din it-tiswija. L-appellant qal li b'din il-linja ta' ħsieb, it-Tribunal ħoloq kontradizzjoni lampanti fil-kumplament tad-deċiżjoni, fejn minkejja li ma kienx sodisfatt bl-ebda prova mressqa mill-appellant minkejja s-sustanza teknika u fattwali tagħha, laqa' asserzjoni tal-appellati li kienet nieqsa mill-provi, u sussegwentement ikkundanna lill-appellant għall-ħlas tad-danni mingħajr ebda bażi jew ġustifikazzjoni f'dan ir-rigward.

## <u>Ir-Risposta tal-Appell</u>

10. Fir-risposta tagħhom l-appellati wieġbu li l-aggravju tal-appellant jammonta biss għal tentattiv sabiex din il-qorti ta' reviżjoni tiddisturba l-

apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, u dan minkejja li t-Tribunal għex il-każ sħiħ u kellu l-opportunità jisma' x-xhieda kollha *viva voce,* u josserva l-imġiba tagħhom. L-appellati qalu li fl-appell tiegħu l-appellant isostni li t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-provi prodotti. L-appellati qalu li mill-provi mressqa quddiem it-Tribunal, irriżulta fuq ammissjoni tal-appellant stess li dan baqa' dieħel fil-vettura tal-appellat Jonathan Holland. Il-kontestazzjoni dwar l-entità tad-danni tqajmet għaliex l-appellant jisħaq li l-impatt ma kienx wieħed qawwi u għalhekk ma setax ikkaġuna ħsara konsiderevoli fuq il-vettura tal-appellat. L-appellati qalu li minkejja li l-appellant qiegħed jipprova jimminimizza l-impatt tal-inċident, mill-provi jirriżulta li l-appellat Jonathan Holland kien qiegħed ġo bar meta dan sema' ħoss ta' inċident, u ħareġ barra jara x'ġara. L-appellati qalu li kieku l-impatt kien wieħed minimu, kif qiegħed jallega l-appellant, il-ħoss ma kienx jinstema' minn ġewwa, partikolarment meta jirriżulta li Holland kien qiegħed f'bar mimli nies u storbju. L-appellati għamlu riferiment għar-rapport tal-Pulizija minn fejn jirriżulta li s-sid tal-bar, ċertu Andrew Chircop irrapporta li kien hemm ħsara fil-*barriers* quddiem il-proprjetà tiegħu. L-appellat spjega li l-vettura tiegħu kienet ipparkjata aktar 'il barra mill-*barriers,* u biex seħħ l-inċident, il-vettura ġiet imbuttata għal fuq il-*barriers,* u għalhekk bilfors li l-impatt kien wieħed ta' ċerta saħħa u vjolenza. L-appellati qalu li l-impatt kien wieħed sostanzjali biżżejjed biex dawn il-*barriers* tgħawġu, partikolarment meta wieħed jikkonsidra li dawn il-*barriers* kienu maħsuba biex jilqgħu l-impatt u jipproteġu lill-klijenti tal-bar li setgħu jinzertaw qegħdin barra. L-appellati qalu wkoll li huwa ovvju li l-vettura li tkun ikkawżat ħsara fil-*barriers,* tkun ġarrbet ħsara akbar minn dik ikkaġunati lill-*barriers.* L-appellati qalu li f'dan il-każ l-appellant

naqas milli jixhed minkejja li huwa stess ammetta r-responsabbilità għall-inċident, u li kieku ried l-appellant seta' jixhed, jispjega l-veloċità tiegħu u jagħti l-verżjoni tiegħu dwar id-dinamika tal-inċident. Komplew jgħidu li huma m'għandhom jaħtu xejn għal dawn in-nuqqasijiet tal-appellant. L-appellati għamlu riferiment għall-argument tal-appellant li l-fatt li huwa għażel li ma jixhidx, m'għandux iwassal biex jintlaħqu konklużjonijiet kontra tiegħu, u qalu li hawnhekk ninsabu fil-kamp ċivili fejn il-ġudikant jista' jiġbed il-konklużjonijiet li jidhirlu xierqa in segwitu għan-nuqqas ta' xi parti li tagħti x-xhieda tagħha. L-appellati jagħmlu riferiment għall-argument tal-appellant li l-konklużjoni tas-*surveyors* Mark Micallef u Owen Ciantar hija li l-ħsarat ikkaġunati fuq il-vettura tal-appellant ma setgħux ġew ikkaġunati fl-inċident inkwistjoni. L-appellati qalu li l-appellant donnu qiegħed jinsa li f'dan il-każ ġie kkonstatat li l-vettura tal-appellat mal-impatt spiċċat rikbet il-*barriers* li wkoll ġarrbu ħsarat konsiderevoli, u għalhekk il-vettura tal-appellat spiċċat ġarrbet ħsarat doppjament għaliex l-ewwel ġarrbet l-impatt tal-vettura li baqgħet dieħla fiha, u wara spiċċat taħbat fil-*barriers*. L-appellati qalu li wara kollox jirriżulta li l-ebda wieħed mis-*surveyors* Micallef jew Ciantar ma eżamina l-vettura tal-appellat.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-aggravju sollevat mill-appellant in segwitu għal-lodo arbitrali mogħti mit-Tribunal, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet imressqa mill-appellati. Għandu jiġi puntwalizzat li l-lodo arbitrali jittratta biss it-talbiet tal-appellati rigwardanti l-likwidazzjoni tad-

danni, u dan għaliex l-appellant assuma r-responsabbilità għall-inċident, imma kkontesta l-*quantum* tad-danni likwidati mit-Tribunal.

*L-aggravju ewlieni:* *nuqqas ta' apprezzament korrett tal-provi mressqa mill-appellant*

12. L-appellant jgħid li t-Tribunal naqas milli jagħmel evalwazzjoni korretta tal-provi mressqa minnu, liema provi l-appellant jgħid li kienu ta' natura teknika, u minflok ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dubji mqajma mit-Tribunal stess u fuq allegazzjonijiet li saru mill-appellati. Jgħid li t-Tribunal silet diversi konklużjonijiet skorretti fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, fosthom dwar il-fatt li l-appellant iddeċieda li ma jitlax jixhed fil-proċeduri quddiem it-Tribunal; il-fatt li t-Tribunal ma kienx konvint mix-xhieda ta' Owen Ciantar u ta' Mark Micallef dwar l-entità tal-ħsara realment sofferta mill-appellat; il-fatt li t-Tribunal xejjen il-konklużjoni ta' dawn is-*surveyors* li l-vettura tal-appellant ġarrbet biss danni 'minimi' billi qal li l-ammont ta' €1,529.02 fi ħsarat ma jammontawx għal ħsara minima; il-fatt li t-Tribunal qies kull prova mressqa mill-appellant bħala prova ambigwa u insuffiċjenti; kif ukoll xejjen għalkollox il-konklużjoni tas-*surveyors* Mallia u Ciantar li l-ħsara misjuba fuq il-vettura tal-appellat ma setgħetx kienet ikkawżata waqt l-inċident inkwistjoni. L-appellant qal li x-xhieda Mark Mallia u Owen Ciantar imressqa minnu għandhom snin ta' esperjenza warajhom, u li dak li xehdu dwaru dawn iż-żewġ persuni jista' jitqies bħala prova fattwali u teknika. Qal ukoll li dak li xehed dwaru Mark Mallia ma jistax jitqies bħala *detto del detto* minħabba li Mallia xehed dwar dak li ra b'għajnejh waqt l-ispezzjoni u mhux dwar dak li qallu l-appellant jew xi terz li m'għandux

x'jaqsam ma' dawn il-proċeduri. L-appellant qal li huwa ma kellux jitpoġġa f'sitwazzjoni żvantaġġata minħabba li għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri, u li wara li huwa ammetta r-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, huwa kkontesta d-danni reklamati mill-appellati.

13. L-appellati min-naħa tagħhom ħadu l-pożizzjoni li l-appell imressaq mill-appellant jammonta biss għal tentattiv biex din il-qorti ta' reviżjoni tiftaħ mill-ġdid il-provi mressqa quddiem it-Tribunal u tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi. Jgħidu li wara li l-appellant ammetta r-responsabbilità għall-inċident, dan ikkontesta d-danni mitluba minnhom, għaliex baqa' jinsisti li l-impatt ma kienx wieħed qawwi u għalhekk il-ħsarat riskontrati fil-vettura tal-appellat ma setgħux ġew ikkawżati minnu. L-appellati għamlu riferiment għax-xhieda ta' Jonathan Holland dwar id-dinamika tal-inċident, u qalu li abbażi tal-provi li ġew prodotti, il-Qorti għandha tkun konvinta li l-appellant għandu jagħmel tajjeb għad-danni kif likwidati mit-Tribunal.

14. Il-Qorti tqis li l-inċident seħħ waqt li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu u baqa' dieħel fil-vettura tal-appellat Jonathan Holland assigurata mas-soċjetà appellata, li fil-ħin tal-inċident kienet ipparkjata. Holland kien qiegħed f'bar fl-inħawi, u malli sema' l-ħoss tal-impatt, ħareġ barra biex jara x'kien ġara, u kien hemm li dan sab li l-appellant kien daħal fil-vettura tiegħu, li mal-impatt spiċċat rikbet il-*barriers* tal-ħadid li hemm mal-ġenb tat-triq. L-appellat Jonathan Holland xehed li ftit wara li seħħ l-inċident, l-appellant kien diġà ħa l-pożizzjoni li l-inċident kien wieħed b'impatt żgħir, tant hu hekk li dan saq minn fuq il-post wara li ħalla d-dettalji tiegħu mal-appellat Holland. L-appellat Jonathan Holland xehed ukoll li l-ħsarat li ġarrbet il-vettura

tiegħu kienu sostanzjali, u biex huwa neħħa l-vettura minn fuq il-post kellu jitlob l-assistenza ta' *tow-truck,* għaliex wara l-inċident il-karozza tiegħu ma setgħetx tistartja. Il-Qorti kkonsidrat ix-xhieda tad-diversi *surveyors* li spezzjonaw il-vetturi involuti fl-inċident, partikolarment dik ta' Owen Ciantar li eżamina l-vettura tal-appellat, u xehed li huwa kkonstata l-istess ħsarat li kkonstataw li s-*surveyors* imqabbda mis-soċjetà appellata. Dan ix-xhud ippreċiża li huwa kien qiegħed jaqbel kemm mad-deskrizzjoni tal-ħsarat mġarrba mill-vettura ta' Jonathan Holland, kif ukoll mal-ammont ta' danni mitluba mill-appellati. Imma wara li eżamina wkoll il-vettura tal-appellant, dan ix-xhud qal li ma setax ikun li l-ħsarat li ġarrbet il-vettura tal-appellat, ġew ikkaġunati fl-istess inċident li kien involut fih l-appellant, għaliex in-natura tal-ħsarat fil-vettura tal-appellant hija tali li tista' titqies 'minima' jew 'kożmetika', u żgur li l-impatt b'din il-vettura ma setax iwassal għall-ħsarat u għad-difetti misjuba fuq il-vettura tal-appellat. Il-Qorti kkonsidrat ukoll ix-xhieda mogħtija mis-*surveyor* Mark Micallef, li ukoll tħalli diversi mistoqsijiet li ma ġewx imwieġba, partikolarment il-fatt li dan spjega li sab diversi ħsarat fil-vettura tal-appellant, bħall-*airbag* li kienet *deployed,* u li hu qagħad fuq il-kelma tal-appellant li dawn ma kinux ħsarat ikkaġunati waqt l-inċident, mingħajr ma stabbilixxa liema kienu l-inċidenti l-oħra li l-appellant kien involut fihom u li setgħu wasslu għal dawn il-ħsarat. Il-Qorti tistaqsi wkoll kemm huwa verosimili li persuna tibqa' għal xi żmien issuq bl-*airbag* tal-vettura tagħha *deployed*, u wara li tkun involuta f'inċident ieħor issostni li wħud mill-ħsarat ma kinux ikkawżati fl-inċident li jkun qiegħed jiġi investigat, kif ġara f'dan il-każ.

15. Il-Qorti kkonsidrat ir-rapport tal-Pulizija bil-verżjoni mogħtija mill-appellat ftit mumenti wara li seħħ l-inċident, fejn l-appellat spjega li l-vettura tiegħu ġiet imbuttata għal fuq *barrier* tal-ħadid li kien hemm mal-ġenb tat-triq proprju biex joffri protezzjoni lil min ikun fuq il-bankina, f'każ li jkun hemm xi inċident simili għal dan. Jirriżulta għalhekk li l-vettura assigurata mas-soċjetà appellata ġarrbet l-impatt tal-vettura misjuqa mill-appellant, kif ukoll l-impatt tal-*barriers* tal-ħadid, u għalhekk m'hemm xejn barra minn loku li meta jiġri dan, il-ħsarat u d-danni sofferti jkunu sostanzjali. Bl-argumenti mressqa mill-appellant, dan donnu jrid jikkonvinċi lill-Qorti li huwa normali li persuna li jkollha inċident, tibqa' ssuq il-vettura tagħha bil-ħsarat li jirriżultaw minn dak l-inċident, inkluż bl-*airbag deployed*. Jekk għas-saħħa tal-argument huwa proprju dan li għamel l-appellant, tqum imbagħad il-mistoqsija dwar kemm il-vettura tal-appellant kienet sigura biex tinstaq fit-triq f'dawn il-kundizzjonijiet. Mhux biss, iżda l-appellant irid lill-Qorti temmen li f'dan il-każ, il-vettura tal-appellat ukoll kienet involuta f'inċident ieħor, iżda baqgħet tinstaq mill-appellat, u għalhekk il-ħsarat u d-danni riskontrati mis-*surveyors* li spezzjonaw il-vettura, ma jistax ikun li ġew ikkawżati minnu waqt l-inċident. Imma l-Qorti, wara li evalwat il-provi kollha prodotti u d-dinamika tal-inċident, hija moralment konvinta li d-danni li ġarrbet il-vettura tal-appellat ġew proprju ikkawżati waqt l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk għandu jagħmel tajjeb għalihom l-appellant. Biżżejjed wieħed jikkonsidra li sabiex il-vettura tal-appellat instaqet sal-post fejn seħħ l-inċident, din kienet fi stat li setgħet tinstaq, u wara l-impatt li kien hemm mal-vettura tal-appellant, kellu jissejjaħ *tow-truck* biex jirmonkaha minn fuq il-post. Din mhix kwistjoni li t-Tribunal jew saħansitra din il-Qorti qiegħda tiskarta xi prova mressqa minn xi

parti jew oħra, imma hija sitwazzjoni fejn il-provi prodotti mill-appellati jikkorroboraw bis-sħiħ il-premessi u t-talbiet tal-appellati li d-danni reklamati minnhom ġew ikkawżati mill-appellant waqt l-inċident. Għaldaqstant tqis li l-aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali appellat fl-intier tiegħu, bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**